Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 477/1989/2

**John, Nicholas u Maria mart Alfred Camilleri, ahwa Vassallo u l-istess Alfred Camilleri bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u b'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Novembru 2014, l-atti gew trasfuzi minn fuq id-decujus John Vassallo ghal fuq Gerolamo sive Jimmy u Maria Nicholina sive Marie Colette ahwa Vassallo (appellanti)**

**vs**

**Alfred Farrugia, bhala amministratur tal-beni Ekklesjastici tal-Arcidjocesi ta' Malta, u b'digriet tat-12 ta' Settembru 1989 il-kliem *'amministratur tal-beni Ekklesjastici tal-Arcidjocesi ta' Malta'* gew sostitwiti bil-kliem *'bhala Kap tat-Taqsima Finanzi Tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta ghan-nom l-Amministratur tal-Entijiet Ekklesjastici kollha ta' Malta'*, (appellat)**

**Maria Lourdes mart Joseph Sciberras u l-istess Joseph Sciberras fil-kwalita' tieghu ta' kap tal-komunjoni tal-akkwisti ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Frar 2015 l-atti gew trasfuzi minn fuq id-decujus Joseph Sciberras ghal fuq Nicholas, Antoinette u Maria ahwa Sciberras (appellati)**

16 ta' Gunju, 2017.

**Il-Qorti:**

Rat **l-Avviz tal-atturi John Vassallo et tal-21 t'April 1989** permezz ta' liema huma talbu lill-Qorti tal-Magistrati sabiex (i) tiddikjara u tiddeciedi li r-raba' maghruf bhala "Tal-Fulija", limiti tas-Siggiewi, jinsab fil-pussess taghhom b'titolu ta' qbiela minghand il-konvenut Farrugia stante li din kienet imqabbla lill-mejjet missierhom Giuseppe Vassallo u li huma inkwilini ta' din ir-raba' flimkien mal-konvenuta ohthom Maria Lourdes Sciberras; u (ii) tordna li kwalsiasi ricevuti ta' qbiela minghand il-konvenut Alfred Farrugia nomine jinhargu f'isem il-werrieta kollha ta' Giuseppe Vassallo u cioe' f'isem il-konvenuti u Maria Lourdes Sciberras u zewgha Joseph Sciberras.

Rat **in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maria Lourdes u Joseph konjugi Sciberras tal-24 ta' Mejju 1989**[1] permezz ta' liema eccepew illi huma ghandhom titolu validu fil-lokazzjoni tar-raba' maghrufa bhala "Ta' Fulija" billi din kienet giet

[1] Fol 2.

imwellija lill-konvenuta Maria Lourdes minn missierha Giuseppe Vassallo;

Rat **in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred P. Farrugia tat-8 ta' Mejju 1989**[2] permezz ta' liema huwa eccepixxa hekk: (i) Preliminarjament, fil-kwalita li fiha hu gie citat, ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju billi hu m'huwiex l-"Amministratur tal-Beni Ekklezjastici tal-Arcidjocesi ta' Malta". L-Amministratur ta' dawn il-beni hu Monsinjur Arcisqof bid-dritt tar-rapprezentanza gudizzjarja a tenur tal-artikolu 786(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili. L-eccipjenti jagixxi u jigi mharrek "bhala Kap Taqsima Finanzi tal-Kurja Arciveskovili ta'Malta ghan-nom l-Amministratur tal-Entijiet Ekklezjastici Djocesani kollha ta'Malta."; u (ii) fil-meritu, huwa jirrimetti ruhu ghal dak li eventwalment tiddeciedi l-Qorti fuq il-provi li jitressqu quddiemha valjati fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 2 tal-Att tal- 1967 dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' (Att XVI) dwar ghand min ghandha tghaddi l-kirja ta' ghalqa meta jmut il-kerrej.

Rat **is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Novembru 2015** li ddecidiet hekk-

*"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti Maria Lourdes Sciberras, u Nicholas, Antoinette u Maria ahwa Sciberras, li assumew l-atti minflok il-mejjet konvenut Joseph Sciberras, u tichad it-talbiet kollha tal-atturi Gerolomo sive Jimmy u Maria Nicholina sive Marie Colette ahwa Vassallo, li assumew l-atti wara l-mewt ta' missierhom l-attur John Vassallo, Nicholas Vassallo u Maria u Alfred konjugi Camilleri, bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi."*

L-atturi appellaw minn din is-sentenza u l-konvenuti appellati wiegbu[3]. Waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2017[4] dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri u saret ttrattazzjoni.

**Dan il-kaz kien qieghed jinstema' kontestwalment mal-kawza 475/89 fl-ismijiet "John Vassallo vs Alfred Farrugia et" u l-provi mressqa f'dak il-kaz jghoddu wkoll ghall-kaz tal-lum[5].**

Il-Qorti qrat l-atti taz-zewg kawzi.

L-aggravju huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi b'dana li waslet ghall-konkluzjoni zbaljata. Fil-fehma taghhom, l-evalwazzjoni tal-provi kellha twassal ghal ezitu favorevoli ghat-talbiet taghhom.

---

[2] Fol 3.

[3] Fol 11 et seq u fol 18 et seq.

[4] Fol 39.

[5] Skont qbil bejn id-difensuri tal-partijiet a fol 151 tal-kaz App Nru 475/89.

L-appellati jirribattu li l-ewwel Qortii ghamlet ezami akkurat tal-kaz u s-sentenza hija gusta.

**Fatti.**

i. Il-partijiet fil-kawza John, Nicholas, Maria u Maria Lourdes huma ulied Giuseppe u Antonia Vassallo;

ii. Giuseppe Vassallo, bidwi, kellu bi qbiela circa sebghin tomna raba' fosthom dik maghrufa bhala "Tal-Fulija", oggett tal-kawza. Is-sid kienet il-Kurja;

iii. Skont ir-records tad-Dipartiment tal-Agrikoltura **fit-28 ta' Novembru 1974** Giuseppe Vassallo ma baqax registratat bhala l-gabillott tar-raba' u din dahret ghal fuq l-attur. Dakinhar ukoll iddahlet Nota fir-*records* tal-Ghammieri li dan ir-raba' qed jinhadem minn ulied Giuseppe Vassallo - John, Consolata, Nicola u Maria Lourdes (partijiet fil-kawza)[6];

iv. Permezz ta' **skrittura privata maghmula quddiem in-Nutar Antoine Agius fl-4 ta' Gunju 1987**, Giuseppe Vassallo ceda lill-appellata Maria Lourdes Sciberras l-qbiela ta' diversi raba' fosthom ir-raba' "Tal-Fulija" limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' circa 13-il tomna u bil-blat mieghu. Fil-kuntratt jinghad li c-cessjoni qeghda ssir bhala hlas tal-obbligazzjoni ta' Giuseep Vassallo fl-ammont ta' Lm6,000 li l-istess appellata kienet hallset ghall-ikel u bzonnijiet ohra tieghu u tal-mejta martu Antonia Vassallo;

v. **Giuseppe Vassallo miet fis-17 ta' Gunju 1987**[7] u skont l-ahhar **testament tieghu u ta' martu tal-4 ta' Marzu 1987** hallew bhala eredi universali taghhom lil uliedhom kollha u cioe Giovanni, Maria Lourdes mart Joseph Sciberras, Maria Consolata mart Alfred Camilleri, Suor Stefania fis-seklu Maria Rosaria, u Nicola fi kwoti ndaqs bejniethom[8];

vi. Sal-mewt ta' Giuseppe Vassallo, l-avvizi u l-ircevuti ghall-hlas tal-qbiela mill-Kurja dejjem baqghu johorgu fuq Giuseppe Vassallo[9];

vii. Wara li miet Giuseppe Vassallo, Maria Lourdes Sciberras ghamlet talba lill-Kurja sabiex il-qbiela tar-raba' "Ta' Fulija" tinqaleb fuq isimha izda minhabba kontestazzjoni li saret minn huha John Vassallo, ebda wiehed minnhom ma gie rikonoxxut[10].

---

[6] Fol 108.

[7] Certifikat tal-mewt a fol 27.

[8] Fol 21 et seq.

[9] Xhieda ta' Mons Carmelo Zammit a fol 156 u ta' Fr Joseph Caruana a fol 191.

[10] Xhieda ta' Mons Carmelo Zammit a fol 156 et seq u ta' Dr Paul Mallia a fol 53 et seq.

viii. Fil-21 t'April 1989 gew intavolati l-proceduri fl-ismijiet premessi.

**Konsiderazzjoni.**

**Il-pretensjoni tal-atturi hi li l-art tal-Fulija tinsab fil-pussess taghhom bi qbiela flimkien mal-konvenuta, ghaliex fit-28 ta' Novembru 1974 Giuseppe Vassallo (l-inkwilin) ceda l-kirja. Ovvjament jekk sehhet l-allegata cessjoni tal-kirja, allura dak li sar fl-4 ta' Gunju, 1987 bejn il-konvenuta u missierha m'ghandu l-ebda effett. L-ewwel qorti fis-sentenza kkunsidrat jekk fl-1974 saritx cessjoni tal-kirja favur il-kontendenti.**

L-ilmenti tal-appellanti huma marbuta mal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Normalment din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul fl-ewwel stadju sakemm ma jirrizultax xi zball manifest li jekk ma jigix retifikat parti jew ohra ssofri ingustizzja. Il-poter ta' din il-Qorti huwa estiz ghall-iskrutinju tal-provi sabiex jigi stabbilit jekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kinitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi mressqa.

Huwa pacifiku li l-ligi applikabbli hija l-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri tar-Raba' (Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-qofol tal-vertenza hi dwar min mill-ahwa ghandu jkun rikonoxxut bhala t-titolar tal-qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni wara l-mewt ta' missierhom, li l-partijiet jaqblu li kien l-inkwilin tar-raba'.[11] Dan in linea ma' dak li jipprovdi l-artikolu 2 tal-Att fejn wara l-mewt tal-kerrej, il-preferenza ghall-qbiela tmur favur il-membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja, u fin-nuqqas, din tghaddi ghand il-membri tal-familja skont l-ordni stabbilita fl-istess Att.

Skont il-Kap. 199 *'cessjonarju tal-kirja'* tinkludi:

*"… sub-konduttur, u ma jkun hemm la persuna li lilha tkun giet ceduta l-kirja u l-anqas subkonduttur, il-persuna li tkun attwalment tgawdi l-kirja bil-kunsens espress jew tacitu tal-kerrej, u "cessjoni" ghandha tiftiehem skond hekk".*

Fil-kors tal-provi l-appellanti sostnew li r-raba' in kwistjoni kien jitgawda u jinhadem minnhom biss u mhux minn ohthom Marie Lourdes. L-appellant Nicholas Vassallo xehed hekk[12] –

---

[11] Fl-avviz li bih inbdew dawn il-proceduri, l-atturi ddikjara li r-raba' tal-Fulija kienet imqabbla lil missierhom Giuseppe Vassallo.

[12] Fol 47.

*"Jiena u z-zewg huti l-atturi ilna nahdmu din l-art sa mill-1974. Sa fejn naf, il-konvenuta qatt ma kienet tahdem din l-art. Ohti l-konvenuta tahdem raba' iehor li kien ta' missierna."*

Fis-seduta tat-18 ta' April, 2012 xehed:

*"Qabel id-data fuq din l-ircevuta, l-art tal-Fulija msemmija fuq din l-ircevuta kienet diga' tinhadem minn hija John Vassallo. Parti ohra mill-istess raba' kienet tinhadem minn ohti ohra cioe Consolata sive Connie mizzewwga Camilleri. Parti ohra kienet tinhadem minni. Matul in-1980, l-istess raba' kien jinhadem minn hija John li semmejt, ohti Consolata li semmejt ukoll kif ukoll jiena. In rigward ohti, Maria Lourdes Sciberras, din ma kienet tahdem l-ebda parti ta' din ir-raba'…. Il-maggior parti tar-raba' gie mghoddi lill-hija John li kien jahdem fir-raba'"*.

L-appellat Joseph Sciberras minn naha l-ohra kien xehed hekk[13]-

*"Dan ir-raba' u raba' iehor huwa mnizzel l-Ghammieri, kien jinhadem minn Ganni Vassallo, Maria Lourdes Sciberras, Nicholas Vassallo, u Konsulata Camilleri. Dan ir-raba' konna mmorru nahdmu ahna wkoll, jiena u l-mara, u anke konna nqabbdu nies barranin.*

*Ahna ma bqajniex immorru nahdmu f'dan ir-raba' il-ghaliex Ganni Vassallo, l-attur, habat ghalija u ghall-mara tieghi diversi drabi."*

L-appellata Maria Lourdes Sciberras ukoll ikkonfermat fl-affidavit taghha li ghall-istess raguni ma baqghux imorru jahdmu go din ir-raba'[14].

Diversi bdiewa u kaccaturi li tressqu bhala xhieda mill-partijiet bejniethom ikkonfermaw li xi drabi kienu jaraw lill-appellata Maria Lourdes imma l-aktar kien jaraw lill-attur jahdem ir-raba' in kwistjoni.

Madankollu, dawn il-provi wahedhom ma jissarfux fi prova ta' titolu favur l-atturi. It-tgawdija tal-oggett tal-kirja m'huwiex bizzejjed biex wiehed jitqies bhala cessjonarju tal-kirja u li skont il-Kap. 199 hu meqjus bhala kerrej u li jinghata preferenza meta jkun hemm membru tal-familja tal-kerrej wara l-mewt tal-kerrej.

Imbaghad fir-rigward tal-hlas tal-qbiela, l-appellanti nsistew li l-hlas tal-qbiela kienu johorguh huma u wiehed minnhom kien imur hu biex ihallas il-qbiela lill-Kurja[15]. Huma

[13] Fol 172 et seq.

[14] Fol 200J.

[15] Xhieda ta' Nicholas Vassallo a fol 49 et seq.

esebew ukoll xi fotokopji ta' ricevuti ta' hlasijiet li jidher li kienu saru mill-appellata Consolata Camilleri lil ommhom Antonia Vassallo bhala hlas "ta' qbiela" ta' parti mir-raba Tal-Fulija ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1978 sad-19 t'Awissu 1986[16].

Il-qorti tosserva:

i. L-original tal-ktieb tal-kera ezibit mill-appellant Nicholas Vassallo[17] juri hlas ta' qbiela li saret lill-Kurja ghal perjodu bejn Awissu 1976 u Awissu 1980 **f'isem Giuseppe Vassallo[18]**, inkluz ghalhekk parti mill-perjodu li tieghu l-appellanti ezibew il-fotokopji ta' xi hlasijiet li setat ghamlet Consolata Camilleri lil ommha; u

ii. Fl-iskrittura tal-4 ta' Gunju 1987, Giuseppe Vassallo kien iddikjara hekk –

*"L-istess Vassallo jiddikjara illi……l-hlas ta' kull min hadem xi xoghol f'dan ir-raba jew f'raba iehor ghalkemm sar minn ibnu Giovanni Vassallo fir-realta' l-flus ta' dan tajhomlu l-istess missieru Giuseppe Vassallo u martu Antonia nee Ellul[19]."*

Il-pretensjonijiet tal-appellanti li jigu rikonoxxuti flimkien mal-appellata Maria Lourdes Schembri bhala inkwilini ta' din ir-raba' huma kollha bbazati fuq l-argument li kienet saret cessjoni tal-kirja tar-raba' lill-ahwa minn missierhom fl-1974. Min-naha l-ohra, l-appellata Maria Lourdes Sciberras issostni li c-cessjoni tal-kirja saret unikament a favur taghha bis-sahha ta' skrittura privata li kienet iffirmat ma' missierha fl-1987.

Cessjoni ta' kirja trid issir bil-miktub (ara s-sentenza citata fil-kawza 475/1989).

L-attur John Vassallo xehed[20] –

*"Missierna, cjoe missier l-atturi u missier il-konvenuta Sciberras, kien qassam l-art li kellu bi qbiela fost l-ahwa fl-1974.*

*L-art tal-Fulija kien ta bicca minnha lill-attur Nicholas Vassallo, li ghadu jahdimha sal-lum; bicca lill-attrici Maria Consolata Camilleri, li ghadha tahdimha sal-lum; u l-kumplament lili. Jien ukoll ghadni nahdem il-bicca li kien assenja lili. Il-konvenuta ma haditx bicca minn din l-art ghax ma riditx ghax qalet li ma kinitx tiflah u saqajha jugugha; fil-fatt ftit wara kienet boarded out mill-impjieg taghha.*

---

[16] Fol 138 et seq.

[17] Seduta tat-12 ta' Settembru 1989 fl-atti tal-kaz konness App Nru 475/89.

[18] Zewg ricevuti b'kollox.

[19] Fol 20.

[20] Fol 45.

*Il-qsim tal-art sar bil-miktub; cioe' missieri kien ghamel kitba iffirmata minnu, quddiem, bhala xhud certu Pace, illum mejjet. Missieri biss, apparti x-xhud kien iffirma; la jien u lanqas ommi ma ffirmajna. F'seduta ohra nesebixxi kopja ta' l-Iskrittura.*

*Sussegwentement, jiena u missieri morna l-Ghammieri u r-raba' dawwarnieh fuq il-biljett tieghi. Lil missieri kont tajtu somma flus, indikata fl-iskrittura, tal-benefikati."*

**Kopja ta' din l-allegata skrittura qatt ma giet prezentata.** Fir-rikors tal-appell qalu:

*"(14) Illi kuntrarjament ghal dak li sostniet il-Qorti tal-Magistrati, c-cessjoni minn Giuseppe Vassallo lil uliedu kollha rigwardanti l-art tal-Fulija saret meta huwa bil-miktub mar icedi quddiem l-Ufficjal Pubbliku tal-Agrikoltura tal-Ghammieri l-art li huwa kien jahdem u* ***<u>ttrasferiha fuq l-erba' uliedu l-kontendenti in kawza</u>*** *u ghalhekk l-assenjazzjoni li suppost saret 12 il-sena wara lil wahda mill-ulied, hija sussegwenti u mhix valida skond il-ligi."*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fl-ewwel qorti, qalu wkoll:

*"Illi din ir-raba' giet effettivament maqsuma u kull wild ossija l-eredi ta' John Vassallo, Dottor Nicholas Vassallo u Consolata Camilleri jahdmu l-parti distintiva mill-istess raba' kif tahdem il-parti taghha l-intimata Maria Lourdes Sciberras".*

Dan ifisser li dak li qalu fin-nota ta' sottomissjonijiet u rikors tal-appell ma jaqbilx ma dak li xehed l-attur John Vassallo.

Il-qorti tkompli zzid li:

i. Kulma xehed ir-rapprezentant tal-Agrikoltura Anthony Borg kien li missier il-kontendenti qaleb ir-raba' fuq uliedu u saret dikjarazzjoni li qed jahdmuhom. Ix-xhud ma semma u lanqas ma pprezenta skrittura ta' cessjoni tal-kirja tar-raba'. Borg qal hekk[21] –

*"Skond il-kotba taghna Guzeppi Vassallo missier il-kontendenti kien dawwar xi raba' fuq John Vassallo. Dan kien…..28 ta' Novembru 1974. Meta sar dan it-tidwir tar-raba' saret nota fuq il-ktieb ta' John Vassallo, u n-nota tghid hekk, Ir-raba' li ttiehed minn ghand Vassallo Joseph ktieb tar-raba Nru 553 Siggiewi qieghed jinhadem minn John ktieb tar-raba' 874. Maria Lourdes, Consolata u Nikola ktieb tar-raba' 1087 Siggiewi, l-istess data, 28 ta' Novembru 1974. Din in-Nota qeghda bil-lapes."*

[21] Fol 108-109.

ii. Ma gie pprezentat l-ebda dokument li jikkonferma li l-allegata cessjoni tal-1974 saret bil-miktub. Il-prova li hemm hu li r-raba' ma baqghetx registrata f'isem Giuseppe Vassallo. Ghal finijiet ta' cessjoni ta' kirja dak li jinghad bil-fomm ma jghoddx. Ghalhekk ghalkemm fir-rikors tal-appell l-atturi argumentaw li Giuseppe Vassallo *"…. ffirma din it-tali cessjoni quddiem Ufficjal Pubbliku tal-Agrikoltura…."* Fatt li ma saret l-ebda prova tieghu.

iii. Lill-Kurja hadd mill-appellanti ma pprezentalhom xi skrittura tal-1974. L-unika "prova tat-titolu tal-qbiela" fuq ir-raba *de quo* fornita minnhom kien biss invece kopja ta' dokument datat 28 ta' Dicembru 1980[22] li jghid li Giuseppe Vassallo kien qieghed jircievi s-somma ta' Lm270 bhala hlas minghand ibnu l-kbir Ganni Vassallo li jinkludi t-twellija tar-raba kollu mahdum minnu ghajr ghal zewg porzjonijiet raba' hemm indikati. Dokument li ssemma wkoll fil-kawza l-ohra 475/1989. Dak li nghad fis-senenza li nghata f'dak l-appell japplika *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz. Dokument li jista' jinghad li jikkontradici t-tezi tal-appellanti li saret cessjoni tal-qbiela tar-raba' tal-Fulija fl-1974, meta tqies li fid-dokument jissemma biss l-attur John Vassallo.

Fil-fehma tal-Qorti, maghmula dawn il-konsiderazzjoni legalment l-ewwel qorti kellha dritt tikkonkludi li ma saritx il-prova tac-cessjoni tal-kirja fl-1974 ghaliex:

*"L-atturi ma ppruducew l-ebda skrittura bil-miktub, kif tezigi l-ligi, sabiex jippruvaw l-allegazzjoni taghhom li missierhom cedielhom partijiet mill-art tal-Fulija"*[23].

Min-naha l-ohra mbaghad, l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-iskrittura tal-4 ta' Gunju 1987 bejn Giuseppe Vassallo u bintu l-appellata Maria Lourdes Sciberras li saret quddiem Nutar[24]. Vassallo bl-aktar mod car jiddikjara li huwa:

*"qieghed icedi l-qbiela ta' dawn is-segwenti raba lil bintu Maria Lourdes Sciberras li huma:*

*(a) ir-raba "Tal-Fulija" limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' circa 13 il-tomna u bil-blat ta' mieghu.*

*[…..]*

*L-istess Vassallo jiddikjara illi l-qbiela qeghda tigi ceduta lil istess bintu Maria Lourdes Sciberras u qieghed jiddikjara li l-hlas ta' kull min hadem xi xoghol f'dan ir-raba' jew f'raba' iehor ghalkemm sar minn ibnu Giovanni Vassallo fir-realta' l-flus ta' dan tajhomlu*

[22] Fol 342.

[23] Fol. 13 tas-sentenza.

[24] Fol 20

*l-istess missieru Giuseppe Vassallo u martu Antonia nee Ellul."*

L-ewwel Qorti kkonkludiet hekk dwar din l-iskrittura:

*"Min-naha l-ohra, fil-kaz tal-konvenuta Maria Lourdes Sciberras, ic-cessjoni saret bi skrittura privata quddiem nutar ai termini tal-Artikolu 1470 tal-Kodici Civili. Huwa vera li mill-atti ma jirrizultax li c-cessjoni giet notifikata lill-konvenut Alfred Farrugia nomine b'att gudizzjarju, pero mix-xhieda ta' Dottor Pawlu Mallia, assessur tal-Kurja, jirrizulta li hu kien lest li jirrikonoxxi lill-konvenuta bhala kerrejja ta-raba' in kwistjoni, kieku ma kienx hemm il-kontestazzjoni tal-attur. Dan ifisser li l-Kurja kienet irrinunzjat ghad-dritt taghha li tigi notifikata bic-cessjoni b'att gudizzjarju."*

Konkluzjoni li fil-fehma tal-Qorti hi gusta.

Il-pern tal-aggravju tal-appellanti huwa illi din l-iskrittura privata bejn l-appellata Maria Lourdes Sciberras u Giuseppe Vassallo hi:

i. falza u nveritiera; u
ii. f'kull kaz, din l-iskrittura ma tistax thassar ic-cessjoni u assenjazzjoni tal-istess raba' li missierhom Giuseppe Vassallo kien ghamel favur l-ahwa kollha fit-28 ta' Novembru 1974.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi qalu:

*"Illi d-dokument li pprezentat Maria Lourdes Sciberras ossija l-iskrittura redatta suppost min-Nutar Antoine Agius, dokument IRI fil-process rigwardanti t-twellija tar-raba tal-Fulija u ta' Brija hija falza u inveritiera minkejja li saret sussegwenti ghac-cessjoni u assenjazzjoni tal-istess raba' li saret mill-istess Giuseppe Vassallo quddiem l-ufficjal pubbliku tal-Ghammieri bil-kunsens u l-approvazzjoni tieghu".*

Il-fatt li l-atturi kienu qeghdin jahdmu xi partijiet mir-raba' tal-Fulija ma jfissirx li l-iskrittura ta' Gunju, 1987 ma kinitx valida. Il-qorti zzid li n-Nutar li quddiemu giet iffirmata din l-iskrittura indika fiha li –

*"L-imsemmi Guiseppe Vassallo ghamel il-marka tieghu fuq din l-iskrittura wara li jien spjegajt il-kontenut taghha lilu u l-xhieda fuq iffirmati minni nutar maghrufa.....*[25]*".*

Dan l-istess Nutar xehed ukoll bil-mezz tal-affidavit dwar inkontru li kellu ma' Giuseppe Vassallo gurnata qabel l-iffirmar ta' din l-iskrittura –

*"Jien mort ghandu s-Siggiewi u dan qalli li ried jaghti raba iehor b'kumpens lil bintu[26]."*

Barra minn dan, certifikat guramentat rilaxxat mit-tabib Louis Buhagiar ukoll gurnata qabel fit-3 ta' Gunju 1987[27] jghid hekk –

*"I have examined today Mr Vassallo with a view to assessing his suitability to dictate his will.*

*He has sustained diffuse cerebrovascular disease in the past. However, he is well oriented to time, place and person and able to express his will* ***or any other contract****…"*

F'kull kaz jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm xi pretensjoni min-naha tal-atturi li Giuseppe Vassallo kien inkapaci li jaghti l-kunsens tieghu fuq dik l-iskrittura, kwistjoni simili kellha tigi ndirizzata permezz ta' proceduri ad hoc quddiem il-qorti kompetenti.

Ghal finijiet tal-artikolu 2 tal-Kap. 199 certament li l-konvenuta hi cessjonarja. Il-korrispondenza li ghaliha rreferew l-atturi, kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet u fir-rikors tal-appell, mhi tal-ebda konsegwenza in kwantu jidher li saret qabel l-iskrittura tal-4 ta' Gunju, 1987. Hekk per ezempju fDok. NV7 kitbet x'kienet tippretendi li tinghata *"Bhala hlas ta' li hdimt s'issa u li nipproponi li nkompli nahdem il-quddiem irrid….. (2) Il-Fulija……"* B'daqshekk zgur li l-konvenuta ma kinitx qeghda taccetta li fl-1974 sehhet cessjoni tal-kirja fis-sena 1974. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi argumentaw li d-dokument NV7:

*"…. juri li l-art in kwistjoni ma kinitx fil-pussess taghha imma kienet fil-pussess tal-ahwa kollha bi ftehim bejniethom u ma' missierhom kif ghadha sal-gurnata tal-lum u li l-abitant kien ghadu fil-pussess ta' Ganni Vassallo".*

Irrispettivament fil-pussess ta' min kienet ir-raba', dak li kellu jigi determinat hu jekk l-atturi kinux jikkwalifikaw bhala cessjonarji tal-kirja b'dak li sar fis-sena 1974. Wara kollox kienu huma li bbazaw il-pretenzjoni li huma inkwilini fuq it-tezi li Giuseppe Vassallo ceda l-kirja fl-1974 lill-uliedu parti fil-kawza. Ghalhekk il-prova regina li kellhom jaghmlu kienet il-kitba li biha saret l-allegata cessjoni tal-kirja. Prova li kif accennat qabel baqghet ma saritx gialadarba ma giet prezentata l-ebda skrittura ffirmata minn Giuseppe Vassallo. Wiehed jista' jressaq xhieda kemm irid, pero' jekk m'hemmx il-kitba ser ifalli fl-argument tieghu. Veru li wkoll mid-dokument NV6 hu evidenti li l-konvenuta kienet taf ben tajjeb x'ghamel missierha cjoe', *"…. Dawwar ir-raba' minn fuq biljett ghall-fuq iehor…"*, pero' din m'hijiex il-prova mehtiega ghal finijiet ta' cessjoni ta' kirja. Minkejja li l-Ghammieri r-

[26] Fol 200F.

[27] Fol 200Q u fol 200P.

raba' ma baqghetx registrata f'isem Giuseppe Vassallo, hu baqa' l-inkwilin tant li l-ircevuti tal-hlas tal-kera baqghu johorgu f'ismu.

Hu veru wkoll li d-definizzjoni ta' 'cessjonarju tal-kirja' fil-Kap. 199 tinkludi: *"il-persuna li tkun attwalment tgawdi l-kirja bil-kunsens espress jew tacitu tal-kerrej"*, pero dan fejn ma jkunx hemm cessjonarju jew sub-konduttur tal-kirja. F'dan il-kaz hemm ic-cessjoni ta' kirja li saret f'Gunju, 1987. Din hi l-uniku cessjoni ta' kirja li saret prova taghha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.